# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum l-Erbgħa, erbgħa (4) ta' Ġunju, 2025**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 372/2023 MH**

**Numru: 5**

**Justin Farrugia**
**vs**
**Avukat Ġenerali u**
**Avukat ta' L-Istat**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur fejn intqal hekk:

> *"Illi, l-appellant tressaq il-Qorti fis-sena 2012 akkuzat inter alia b'numru ta' reati fosthom li ssekwestra lill-certu Nicholas Farrugia u John Ellul kontra l-volonta' taghhom, jew ta post biex fih dawn il-persuni jistghu jigu mizmuma, li rrikatta lill-istess Nicholas Farrugia u John Ellul bi hsieb li jestorci flus jew hag'ohra, talli ffalsifika cheque propjeta tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' EUR2,220, u talli ghamel frodi fost affarijiet ohra.*

*Illi, l-Qorti tal-Magistrati Malta b'sentenza taghha tat-23 t'April 2018 sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrieh hlief l-ghaxar u tnax-il akkuza, u ikkundannatu 4 snin u xgharejn prigunerija effettiva u ordnat li z-zewg sentenzi precedenti inflitti fuq l-istess rikorrent, jibdew fis-sehh.*

*Illi, l-appellant kien appella s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu.*

*Illi, ta' importanza jirrizulta li f sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali b'sentenza parzjali il-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-25 ta' Novembru 2022, laqghat l-ewwel aggravju imqanqal mill-esponent fejn kien issolleva nnullita' tas-sentenza appellatta minhabba r-ragunijiet hemm moghtija.*

*Illi, dik il-Qorti abbazi tal-Aritkolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ordnat li l-kaz jerga' jinstema mill-gdid fil-mertu quddiemha.*

*Illi, r-rikorrent ihoss li b'din id-decizjoni hu qed isofri lezjoni Kostituzzjonali tad-dritt ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi, 1-azjoni tieghu tikkonsisti fil-fatt li r-rikorrenti jikkontendi li meta Qorti tal-Appell jidrilha li trid taghmel riapprezzament tal-fatti, allura ghandha tirrimandi l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti. Dan peress li hija dik il-Qorti, cioe dik tal-Magistrati li tkun semghet ix-xhieda viva voce u tkun fl-ahjar pozizzjoni li taghmel riapprezzament tal-provi.*

*Illi, f dan il-kaz, kif diga intqal, l-Qorti tal-Appelli Kriminali iddikjarat is-sentenza tal-ewwel Qorti irita u nulla, u per konsegwenza jrid izir l-ezami u riapprezzament tal-provi mill-gdid.*

*Illi f'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Julius ÚLÍUS ÞÓR SIGURÞÓRSSON v. ICELAND (Application no. 38797/17) of the 16 July 2019, fejn qalet is-segwenti:*

*"However, the Court has held that where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence, it cannot, as a matter offair trial, properly determine those issues without*

*a direct assessment of the evidence given in person by the accused — who claims that he has not committed the act alleged to constitute a criminal offence (see Constantinescu v. Romania, no. 28871/95, 27 June 2000, with reference to Ekbatani v. Sweden, 26 May 1988, § 32, Series A no. 134; see also Dondarini v. San Marino, no. 50545/99, §27, 6 July 2004).*

*However, the Court's case-law also demonstrates, in line with the Court 's general approach already described (see paragraph 33 above), that if the appeal court has jurisdiction to examine a fresh factual issues either as to the question of guilt or as to the sentencing, or both, the right to a fair hearing according to Article 6 § 1, may, depending on the particular circumstances of the case, bar the appeal court from convicting an accused who has already been acquitted by the lower court. Taking into account what is at stake for the accused, the overall question would be whether the appeal court could, "as a matter of fair trial, properly examine the issues to be determined without a direct assessment of the evidence " given by the accused or the witness in person (see Botten v. Norway, cited above, § 52).*

*(…)*

*Finally, if the direct assessment of the evidence is deemed necessary for the reasons explained above, the appeal court is under the duty to take positive measures to this effect, notwithstanding the fact that the applicant did not attend the hearing, ask for leave to address the court or object, through his counsel, to a new judgment being given (see Botten v. Norway, cited above, § 53, and Sigurþór Arnarsson v. Iceland, cited above, § 38). In the alternative, the appeal court must limit itself to quashing the lower court's acquittal and referring the case back for a retrial.”*

*Illi, inoltre l-esponent jilmenta li huwa ma kellux smiegh xieraq fi zmien ragionevoli tenendo kont li dawn il-proceduri ilhom pendent quddiem dawn il-Qrati ghall aktar minn dawn l-ahhar hdax-il sena, peress li l-prezentata saret fid-29 ta' Marzu 2012.*

*Illi, f dan ir-rigward l-appellant jaghmel ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Joseph Lebrun v. Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2014.*

*Illi, inoltre l-esponet ihoss ukoll li ma kellux smiegh xieraq minhabba li meta huwa ammetta l-akkuzi fl-ewwel Qorti huwa ma kienx qed japprezza n-natura tal-imputazzjonijiet.*

*Illi, in effetti jinghad li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kellha x'tirrimarka fuq l-ammissjoni tar-rikorrent. A folio 6 tas-sentenza, l-ewwel Qorti rrimarkat hekk:*

*"Il-Qorti kienet sorpriza li tara li l-imputat qatt ma mmotiva dan landament tieghu billi per ezempju talab biex jithejja l-presentencing report biex forsi jipprova li huwa verament biddel hajtu u dan in vista li l-akkuzi fil-konfront tieghu huma ta ' natura serja hafta, u dan ukoll in vista tal-fatt li huwa ammetta ghall akkuzi kwazi kollha."*

*Illi, fit-tieni aggravju tieghu quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, l-appellant issottometta li l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti kellha tigi revokata minhabba li ma kienx qed japprezza u jifhem dak li kien qed jaghmel, u in effetti mill-verbal tas-17 ta' Frar 2023 quddiem l-Qorti tal-Appelli Kriminali, jirrizulta li d-difiza talbet sabiex jixhed l-appellant dwar ic-cikrostanzi li fihom irregistra l-ammissjoni tieghu.*

*Illi, pero dan it-tieni aggravju tieghu gie rigettat bit-tieni sentenza parzjali moghtija fil-konfront tieghu fis-29 ta' Marzu 2023.*

*Illi, f' dan ir-rigward l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza Kostituzzjonali fl-ismijeit Republic of Malta v. Gregory Robert and Susan Jayne Molyneaux deciza fl-01 t'April 2005, fejn bazikament dik il-Qorti konkludiet li ammissjoni moghtija b'tali mod li l-akkuzat ma jikunx qed jifhem sew is-sustanza u l-import fuq dak li jkun qed jammetti, m'hijiex ammissjoni valida u tista' allura tilledilu d-drittijiet kostituzzjonali hawn fuq imsemmija.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgoba:*

*I. Tiddikjara li l-predizpost tal-Artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali sa fejn dan jippermetti l-Qorti superjuri terga' tisma' l-kas hija stess u tiddecidi fuq il-mertu, huwa leziv tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u per konsegwenza tordna li 1-atti tal-kas in dizamina jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti sabiex terga ssir evalwazzjoni mill-gdid tal-provi; u*

2. *Prevja li tiddikjara l-fatt li l-imputat mhux qed jithalla jirtira l-ammissjoni tieghu minhabba c-cirkostanzi su spjegati bhala lesiv tad-drittijiet tieghu taht tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u per konsegwenza tordna li l-ammissjoni tieghu tigi rtirata; u*

3. *Tiddikjara li stante li dawn il-proceduri ilhom pendenti ghall dawn l-ahhar hdax-il sena, huwa wkoll lesiv tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq fi zmien ragionevoli, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u*

4. *Taghti dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa u opportuni skond l-ligi."*

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali u l-Avukat ta' l-Istat[1] fejn ġie eċċepiet illi:

1. *"Illi in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponent Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, kif spiss jingħad f'dawn l okkażjonijiet, qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali/konvenzjonali m'għandhiex tiġi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilħaqq proċeduri konvenzjonali taħt il-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** mhumiex maħsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat, u dan speċjalment meta titqajjem allegata vjolazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**. Proprju f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jipprova jgħatti l-ilment tiegħu bil-libsa konvenzjonali meta dan ma huwa xejn ħlief appell ġdid mill-apprezzament milħuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Filfatt, l-ilmenti mqajma fir-rikors promotur diġa tqajmu bħala aggravji u ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Justin Farrugia** (ara **Dok SA1** anness ma' din*

[1] Folio 10.

*ir-risposta). Għalhekk, l-esponenti qegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt l-proviso tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;*

4. *Illi jibda billi jingħad li biex tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kienux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara **<u>Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et</u>** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti;*

5. *Illi f'dan il-każ partikolari ċertament ma hemmx nuqqas ta' smigħ xieraq għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ħa terġa tisma' l-każ hija stess fil-mertu u dan ai termini tal-**artikolu 428(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Ir-rikorrent ma jistax jilmenta li sofra xi tip ta nuqqas ta' smigħ xieraq għax tant kemm hu għall- kuntrarju ta' dan, il-Qorti tal-Appell Kriminal permezz tas-sentenza tagħha datata 25 ta' Novembru 2022 laqgħet l-ewwel aggravju tar-rikorrent u dan għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli, fil-parti dispositiva tas-sentenza tagħha, tindika taħt liema artikoli tal-Liġi kienet qed tinstab il-ħtija. Għalhekk fis-sewwa, l-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċediet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla u bla effett fil-liġi u wara li tħassar is-sentenza appellata terġa tisma' l-każ mill-ġdid fuq l-atti kumpilati fil-mertu. Pero, billi l-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċediet li tisma' l-każ hi fil-mertu bl-ebda mod ma jfisser li hu sofra xi nuqqas ta' smigħ xieraq. Biss biss, għandu jiġi rilevat li l-provi quddiem l-Ewwel Qorti kienu diga inġabru kollha meta r-rikorrent*

*kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu għajr għall-għaxar, ħdax u tnax-il imputazzjonijiet. Illi certament l-ammissjoni ma kinitx wahda bikrija izda giet registrata biss meta l-provi diġa kienu nġabru kollha u l-Ewwel Qorti kienet kważi waslet sabiex tagħti s-sentenza. Għalhekk ċertament m'hemmx ksur tal-* ***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*** *u* ***l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;***

6. *Illi kien ir-rikorrent stess li volontarjament ammetta meta kien assistit u l-ammissjoni saret skont kif trid il-liġi. Illi kif diġa' ġie aċċennat f'din ir-risposta, l-ammissjoni ġiet reġistrata fir-rigward tal-imputazzjonijiet wieħed sad-disgħa u għalhekk in kwantu dawk l-imputazzjonijiet li r-rikorrent irreġistra ammissjoni għalihom, l-artikolu l-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*** *u* ***l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*** *m'humiex applikabbli;*

7. *Wara kollox****, l-artikolu 428(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*** *ma żżommx l-Qrati Superjuri milli tisma' aktar xhieda jekk ikun hemm bżonn. Tant hu hekk li r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jixhed u l-Qorti laqgħetlu t-talba u reġgħet semgħet lir-rikorrent kif ukoll l-Ispettur Saviour Baldacchino u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li sofra l-ebda nuqqas ta' smigħ xieraq;*

8. *Illi lanqas huwa minnu li hemm ksur tal-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*** *u* ***l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*** *għaliex huwa mhux qed jitħalla jirtira l-ammissjoni tiegħu. Tajjeb li jiġi rilevat li r-rikorrent irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu għajr għall-għaxar, ħdax u tnax-il imputazzjonijiet fi stadju tant inoltrat, wara li nġabu l-provi kollha, u dan għaliex kien ben konxju ta' xkienet in-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Tant kemm kien konxju tal-imputazzjonijiet u tal-ammissjoni u fehem x'kienu l-konsegwenzi u n-natura tal-imputazzjonijiet li huwa m'ammettiex għall-imputazzjonijiet kollha. Wara kollox, ir-rikorrent kien dejjem debitament assistit, anki meta rreġistra l-ammissjoni tiegħu u qatt ma ressaq xi ilment fuq l-assistenza legali tiegħu. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti wissiet lir-rikorrent bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u tatu żmien kemm irrid sabiex huwa jikkonsidra dik l-ammissjoni iżda żamm ferm magħha. L-Ewwel Qorti anki tagħtu l-fakolta' li jagħmel is-sottomissjoniet tiegħu, iżda anki dan naqas li jagħmel. Għalhekk ċertament ma jistax jiġi 'ssa u jilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq meta kien ir-rikorrent li naqqas mill-obbligi tiegħu;*

9. *Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju din it-talba jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriccuz u intiż biex jiżvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi u r-rikorrent għandu jġib prova li l-allegat dewmien ma kienx attribwibbli lilu. Dan għaliex mill-atti tal-kawża kriminali jidher li kien hemm diffikulta kbira sabiex ir-rikorrent jiġi rintraċċjat u notifikat bl-avviż ta' smigħ tal-appell, liema appell ġie intavolat minnu stess, falla milli jattendi numru ta' seduti u talab numru ta' differimenti;*

10. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;*

11. *Ili b'din il-kawża, huwa ċar li r-rikorrent qiegħed jinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali sabiex wara li wettaq dawn ir-reati jipprova jiskansa l-konsegwenzi u jinħeles mill-akkużi sabiex akkost ta' kollox ma jwegibx ghall-agir tieghu. Ċertament d-drittijiet fundamentali mhumiex intiżi sabiex persuna tittanta tinħeba u ma tweġibx għal għemilha. Wara kollox ir-rikorrent missu ħasiba sew qabel ma wettaq ir-reati li għamel, mhux issa qiegħed jippretendi li jingħata xi tip ta' trattament preferenzjali;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li kienet imħollija għas-sentenza għallum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-lanjanza proprja tar-rikorrenti tista' tgħid li hija miġbura f'żewġ paragrafi fir-rikors promotur li xprunaw din il-kawża.

Jgħid:

> *"Illi l-azzjoni tiegħu tikkonsisti fil-fatt li r-rikorrenti jikkontendi li meta Qorti tal-Appell jidrilha li trid tagħmel riapprezzament tal-fatti, allura għandha tirimanda l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti. Dan peress li hija dik il-Qorti, ċioe' dik tal-Magistrati li tkun semgħet ix-xhieda viva voce u tkun fl-aħjar posizzjoni li tagħmel apprezzament tal-provi.*
>
> *Illi, f'dan il-kaz, kif diġà ntqal, l-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat is-sentenza tal-ewwel Qorti irrita u nulla, u per konsegwenza jrid isir l-eżami u riapprezzament tal-provi mill-ġdid."*

Ir-rikorrenti jressaq tlett ilmenti għall-konsiderazzjoni tal-Qorti:

-dik li l-Qorti tal-Appell għaddiet biex tiddeċiedi Hi l-kawża a bażi ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ċaħħditu mid-dritt tad-doppju eżami;

-illi meta r-rikorrenti ammetta l-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hu ma kellux apprezzament ta' dak li kien qed jammetti għalih; ukoll

-jilmenta minħabba ż-żmien li fih ittawlu u damu l-proċeduri kriminali.

L-intimati da parti tagħhom opponew it-talbiet billi ressqu diversi linji diffenzjonali:

-fl-ewwel lok li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

-ukoll illi l-proċeduri Kostituzzjonali u Konvenzjonali m'għandhomx jintużaw bħala Qorti tat-tielet grad, spiss imsejjħa dik tal-Kassazzjoni;

-ukoll illi l-artikolu 428(3) tal-Kap 9 mhux leżiv kif jippretendi r-rikorrenti;

-jirreżistu wkoll għall-allegata lezzjoni minħabba l-fatt li l-akkużat ma tħallix jirtira l-ammissjoni tiegħu;

-ukoll jinnutaw id-dewmien tal-proċeduri fuq l-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi in suċċint ir-rikorrenti kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qua Qorti Istruttorja bl-akkużi kif fuq prodotti, meta intbagħtu l-artikoli mill-Avukat

Ġenerali u wara li kienu nġabru l-provi tal-prosekuzzjoni, huwa mhux biss ta l-kunsens tiegħu għall-proċeduri sommarji, imma dejjem assistit minn avukat, għażel li jirreġistra l-ammissjoni għal ċerti akkużi.

Fuq skorta ta' hekk ġie ikkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva. Ressaq appell. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ġiet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali u a skorta ta' l-artiklu 428(3) tal-Kap 9. L-istess Qorti qalet u iddeċidiet illi kienet se terġa tisma' hi l-każ mil-ġdid fil-mertu wara li ħassret l-ewwel sentenza għax ingħatat in kontravenzjoni ta' l-artikolu 382 tal-Kap 9.

Aktar tard fil-mori tas-smiegħ tal-appell ingħatat sentenza preliminari oħra u din hija waħda li tolqot it-tieni ilment tar-rikorrenti sa fejn si tratta l-ammissjoni tar-rikorrenti.

Illum l-Appell Kriminali jinsab differit *sine die* pendenti d-deċiżjoni ta' dawn l-ilmenti Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni.</u>**

Illi l-Avukat Ġenerali  m'huwiex il-leġittimu kontradittur biex jirrispondi għal din ix-xilja.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li ma taqbilx ma' din l-eċċezzjoni kif del resto ġia kellha opportunita' tgħid f'sentenzi oħra.

Huwa vera illi huwa l-Avukat ta' l-Istat li jirrispondi għal ksur Kostituzzjonali u Konvenzjonali anke jekk ta' hekk ma jkollu ebda responsabbilta' u għalhekk għandu *locus standi* dirett, pero' ma jfissirx li l-Avukat Ġenerali huwa meħlus milli jkun f'dawn il-proċeduri.

Il-Qrati Kostituzzjonali u Konvenzjonali għarfu li hemm leġittima' passiva li tivvalida l-presenza ta' terz interessat. Dan japplika wkoll għall-Avukat Ġenerali illi mhux talli mexxa hu l-kumpilazzjoni imma jidher fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri biex jilqa' għall-aggravji tar-rikorrenti imputat. Dan żgur jagħtih il-*locus* u l-interess ġuridiku meħtieġ biex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri.

F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi għall-każ **Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Kost 85/14) deċiż fit-28 ta' Settembru 2017** fejn ingħad hekk:

> *"Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawża* ***Rose Borg vs Avukat Ġenerali et****. Hemm kienet trattata eċċezzjoni simili.*
>
> *Il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom f`diversi okkażjonijiet dwar il-leġittimita` passiva ta` persuni privati li jkunu ċċitati f`kawżi ta` indoli kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*Fil-każ fl-ismijiet **Joseph Abela v. Onor.Prim`Ministru et** (Kost. 7 ta` Diċembru 1990) ġie ribadit li :*

*"F`kawżi ta` natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittūri ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

*Iżda kif anke gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et**. (29 ta` Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra. "*

*Proprju f`każijiet li jikkonċernaw l-istess materja bħal dik in disamina, ad eżempju fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et** (22 ta` Frar 2013) iċċitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) ... biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Ċiv. **Joseph Borg v. Francis Vassallo** [2000] Vol.LXXXIV.II.42;App. **C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico** 15.01.1992)"*

*- omissis-*
*....*

*Dan il-ħsieb ġie ripetut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet* ***Sam Bradshaw et v l-AG et.*** *(6 ta` Frar 2015):*

*"Din il-Qorti tosserva li, għalkemm taqbel mat-teżi li, ladarba l-każin aġixxa skont il-liġi, allura m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi applikata minnu jew jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwaw lill-każin stante li dan hu parti fir- rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. Il-każin bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-meritu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimi kuntraditturi."*

**Il-Qorti tagħmel tagħha dan il-ħsieb u konsegwentement tqis għalhekk li din l-eċċezzjoni mhix waħda tajba.**

**<u>L-ewwel ilment tar-rikorrenti hu li ma tħallix jirtira l-ammissjoni tiegħu b'leżjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.</u>**

Ir-rikorrenti darba li deher fl-appell, issa li kellu piena karċerarja effettiva mdendla fuq rasu, ressaq agravju li hu jixtieq jirtira l-ammissjoni tiegħu.

Huwa opportun li f'dan l-istadju tiġi riprodotta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri li ddeċidiet kontra dan l-aggravju mressaq.[2]

Intqal hekk:

> *"Illi fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ppresjeduta fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri tal20 ta' Jannar 1995 jingħad: "Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi għall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti". Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Rainer Grima tat-12 ta' Mejju 2004 u aktar recenti fis-sentenza Il-Pulizija vs Andre Falzon App Krim 19.11.2015 u Il-Pulizija vs Tamer Mohammed Hussein Rozik App Krim 4.2.2016;*

[2] Deċiża 29/03/23.

*Illi allura huwa possibbli għal persuna misjuba ħatja wara ammissjoni illi jirtira dik l-ammissjoni fi stadju ta' reviżjoni fi tlett ċirkostanzi u ċioe' jekk:*

*1. l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew;*

*2. jekk ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew;*

*3. fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, cioe' ssibu ħati ta' reat.*

*Issa ibda biex il-kawża damet għaddejja b'kollox sitt snin, li fihom l-appellant kien debitament assistit tul il-proċess kollu u li fihom s-smigħ tal-kawża ħa l-kors kollu tiegħu bil-provi kollha jkunu kkumpilati. Huwa biss fl-istadju finali tal-kawża, meta l-Ewwel Qorti kienet waslet biex tħalli l-istess għas-sentenza, illi l-appellant iddeċieda jirreġistra ammissjoni. Dan ifisser, allura, li żgur u mhux forsi li l-appellant kien jaf sewwa x'kienet in-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Biss biss tul is-snin kien ippatroċinat minn diversi avukati, bl-ewwel tnejn ikunu tal-għażla tiegħu. Mhux biss, imma wara li kien maħtur l-avukat tal-għajnuna legali, li dam jassisti lill-appellant għal ħames snin sħaħ, huwa qatt ma ressaq ilment dwar xi nuqqas fl-assistenza legali li kienet qed tiġi lilu offruta.*

*Illi, allura, dak li jikkontendi l-appellant, kemm fir-rikors ta'l-appell kif ukoll fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti ma jistax ikollu mis-sewwa. Kien preżenti għas-seduti kollha, u fil-maġġior parti tal-istess debitament assistit. Tħejja social enquiry report fil-konfront tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation minn fejn jirriżulta illi dan ma kienx l-ewwel każ li kellu l-appellant fil-qorti, biex b'hekk huwa kien diġa' midħla tal-mod kif jimxu l-proċeduri. Fil-fatt minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali piuttost voluminuża tiegħu jidher li din ma kenitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejgħ mal-ġustizzja. Issa jekk l-appellant f'dan iż-żmien kollu li damu għaddejjin il-proċeduri ħass li ma kellux għalfejn jikkonsulta ruħu mal-avukat tiegħu u jikseb l-informazzjoni meħtieġa, dan kien nuqqas minn naħa tiegħu, u ma jistax issa jinqeda bl-iskuża li wara sitt snin sħaħ ma kienx konxju tan-natura ta'l-akkużi lilu addebitati. Kien biss f'dan l-istadju ta' revizjoni li l-appellant ressaq aggravju dwar lammissjoni minnu magħmula u dan bl-intenzjoni unika li jtawwal il-proċeduri issa li huwa konxju tal-fatt li hemm kundanna mdendla fuq rasu.*

*Illi fuq kollox, imbagħad, l-appellant kien debitament assistit meta rreġistra l-ammissjoni tiegħu, tant illi huwa ma ammettiex għall-imputazzjonijiet kollha, iżda għażel li jibqa' jikkontesta tlieta minnhom.*

*U allura l-affermazzjoni tiegħu mogħtija meta xehed quddiem din il-Qorti illi "lanqas idea li qed nammetti ma kelli", tirrażenta il-fieragħ.*

*Illi mhux biss, iżda fir-rikors ta'l-appell tiegħu, huwa jafferma illi:* ***"... minkejja li l-Ewwel Qorti pproċediet bid-debita kawzjoni u cioe' billi wissiet lill-appellant, dakinhar imputat, bil-konsegwenzi ta'l-ammissjoni tiegħu, dan ma kienx jaf x'ser ikun ir-riżultat ta'l-ammissjoni tiegħu ....."***

*Illi allura huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti segwiet id-dettami tal-liġi wara li l-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu, wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi tat-tweġiba tiegħu, tatu żmien biex jirrikonsidra din it-tweġiba, tant illi is-sentenza ġiet ippronunzjata kawzi sentejn wara li huwa kien irreġistra din l-ammissjoni. Żgur li l-appellant f'dan il-perijodu twil ta' żmien, fejn saħansitra l-Ewwel Qorti tatu opportunita' għal aktar minn darba sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, kellu biżżejjed żmien għal ripensament, u jekk kien hemm xi ħaġa li ma kienx qed jifhem sewwa, kellu kull okkazzjoni sabiex jitlob li jiġi lilu mfiehem dak li kien qed jiġri. Illi jingħad finalment illi dak li trid il-liġi kull meta l-persuna imputata turi ix-xewqa li tirreġistra ammissjoni, huwa li jingħata biżżejjed żmien biex iqies l-ammissjoni tiegħu u li jkun jaf bil-konsegwenzi ta tali ammissjoni, fatti li l-appellant ma jikkontestax illi seħħew. Ċertament li l-Qorti ma għandha ebda obbligu tinforma lil persuna akkużata x'ser ikun ir-riżultat tal-ammissjoni tiegħu, billi kif spiss affermat fil-ġurisprudenza kull minn jirreġistra ammisjoni jerfa' ir-responsabbilta' taddeċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruhu għal kull sentenza dwar piena li l-qorti tkun tista' tasal għaliha.*

*Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies illi fil-fatt huwa dan li seħħ proprju f'dan il-każ. L-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu u reħa ruħu f'idejn il-qorti sabiex tagħtih dik il-piena xierqa u idonja skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ċirkostanzi li kienu ben magħrufa għall-appellant, li f'dak l-istadju kellu quddiemu stampa ċara tal-fatti tal-każ bil-provi kollha jkunu minnu mismugħa tul il-proċeduri, tant illi lejn l-aħħar fażi tal-proċess huwa talab li jitħejja Social Enquiry Report li investiga n-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u l-konsegwenzi legali għall-istess u dan fi sfond ta' investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni soċjali u legali tal-appellant vis-a-vis l-imputazzjonijiet lilu addebitati. L-ammissjoni reġistrata mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kienet waħda legalment valida fejn huwa kien debitament assistit u ngħata biżżejjed żmien sabiex jaħseb dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, liema ammissjoni, fi kwalunkwe żmien sakemm ġiet ippronunzjata is-sentenza, setgħet liberalment tiġi rtirata minnu, ħaġa li f'kawżi sentejn ma ħassx li kellu jagħmel, iżda iddeċieda jieħu din it-*

> *triq u allura kellu ripensament biss wara li ngħatat s-sentenza u allura meta ħass li l-piena erogata filkonfront tiegħu kienet waħda oneruża. Dan ifisser illi ebda waħda miċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-liġi u fil-ġurisprudenza li tirrendi l-ammissjoni waħda mhux skont il-liġi avveraw rwieħhom. Lanqas ma jidher illi kien hemm xi raġuni, abbażi tal-provi kollha kkumpilati, li setgħet ħolqot xi impediment fattwali u/jew legali li żżomm lill-Ewwel Qorti milli ssib lill-appellant ħati tal-fatti minnu ammessi."*

Ovvjament l-eżami li hija msejjħa tagħmel il-Qorti f'din l-istanza tmur oltre dik li abbilment għamlet il-Qorti kif appena ċitat, għalkemm l-analiżi tagħha jolqot sew il-lanjanzi mressqa.

Ir-rikorrenti jressaq l-ilment li hu ma fehemx x'kien qed jirreġistra fil-konfront ta' l-ammissjoni, wkoll li jgħid li kien qiesu sfurzat mill-avukat difensur tiegħu. Għalhekk jisħaq li ġew miksura fil-konfront tiegħu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni li jolqtu s-smiegħ xieraq.

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi:

> *"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess talmorali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn*

*ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*"(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*"(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*"(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*"(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*"(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*"(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Ġia' mill-analiżi li għamlet il-Qorti tal-Appell kif appena riprodott dan mhux il-każ. Oltre mill-qari ta' dawn iż-żewġ artikoli appena ċitati jidher ċar kemm hu żbaljat ir-rikorrenti f'dan l-ewwel ilment tiegħu.

Kif sew iwieġbu l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jekk l-intimat għażel li minn jeddu jirreġistra ammissjoni xejn ma hu kontra l-artikoli minnu invokati. Dan sar f'ambitu tad-dritt tas-smiegħ xieraq lilu akkordat, għalhekk quddiem tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, wkoll waqt li l-imputat kien ben assistit u ingħata żmien xieraq biex jaħseb għal dak li kien qed jammetti. Din l-ammissjoni saret f'ambitu ta' proċeduri adversali, li wkoll jitfgħu onu qawwi fuq il-prosekuzzjoni, u ġie mogħti lilu kull dritt lilu spettanti bil-liġi fl-andament ta' dawn il-proċeduri. Qatt fit-tul tal-proċeduri kriminali ma lmenta mill-assistenza li kien qed jirċievi mill-avukat difensur tiegħu, anzi meta spiċċa hekk sprovvist il-Qorti ħatritlu wieħed ta' l-għajnuna legali. Anke f'dan ir-rigward ma ressaq ebda ilment.

**Għalhekk huwa rilevanti li ma ġie qatt irreġistrat mill-imputat ebda ilment relatat tul il-proċeduri kriminali.**

Allura jsaqsi fejn hi l-leżjoni pretiża?

Bla tlaqliq tgħid li dan kollu jinħass biss bħala mossa da parti ta' l-imputat rikorrenti biex issa li wasal biex jħallas ta' għemilu qed jigranfa ma' kull ma jista' biex jara kif se jeħles mill-effetti tal-ġustizzja.

La mill-qari ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jidher li l-imputat ġie hekk preġudikat. Minn jeddu għażel li jammetti ċerti akkużi, tant kien kawt, ċert u konxju ta' dak li kien qed jagħmel, li baqa' jikkontesta akkużi oħrajn. Wieħed ukoll iżomm f'moħħu li l-ammissjoni ssir biex l-imputat jieħu vantaġġ ta' mitigazzjoni u temperament tal-piena.

Tqis li hu ammetta f'Novembru, 2016[3] meta kien ilu għaddej dawn il-proċeduri ġia' mis-sena 2012. Dan it-tul jmur kontra dak li jipprova jilmenta minnu l-imputat, ċioe' li ma kienx qed jifhem l-import ta' l-akkużi miġjuba kontrih, anzi dan iż-żmien taħ ċans biżżejjed biex japprezza l-provi li l-prosekuzzjoni ressqet kontrih.

Oltre tara wkoll illi nonostante tali ammissjoni, li kif ingħad isservi jew aħjar tista' sservi ta' temperament tas-sentenza, la saret trattazzjoni fil-konfront tiegħu u lanqas ma ġiet ippreżentata ebda nota ta' sottomissjonijiet. Allura anke hawn naqas biex hu jindika xi ilment proċedurali kontrih. Kellu kull opportunita' kieku ried fit-tul ta' dawn il-proċeduri li jressaq għall-attenzjoni tal-Qorti kwalunkwe ilment li jolqot is-smiegħ xieraq, jekk ħass li ma kienx sew assistit kif jimplika issa. Dan m'għamlux.

[3] Folio 373

Invece l-Qorti ssib li l-ammissjoni saret di *sua sponte*. Seta' sa kemm ingħatat s-sentenza ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li hu ma kienx komdu kif kien qed jiġi stradat mill-avukat tiegħu. Xejn minn dan ma sar. Ukoll, ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu juri li hu ma kienx novellin ġewwa l-Qorti, kellu biżżejjed konoxxenza ta' proċedura kriminali. Qajla jista' għalhekk jinvoka dan id-diżgwid bejnu u bejn l-avukat tiegħu li seta' jġib leżjoni minħabba nuqqas ta' assistenza legali xierqa u opportuna. U dan jingħad għax hu kien anke patroċinat minn avukat ta' l-għajnuna legali, allura wieħed provdut lilu mill-Istat.

A contrario, hu kellu u ġie mogħti kull garanzija li trid il-liġi biex tassigura s-smiegħ xieraq fil-proċeduri kontrih.

**Konsegwentement f'dan ir-rigward din it-talba ma tistax tintlaqa' .**

Il-Qorti tmur oltre, tasal anzi biex torbot din il-lanjanza fiergħa imressaq ma' eċċezzjoni oħra li l-intimati poġġew għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti; li dawn il-proċeduri ma jistgħux jintużaw bħala appell minn appell, għalhekk qorti tat-tielet istanza.

**<u>Il-Qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali mhux Qorti ta' tielet Istanza.</u>**

**L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Hu ovvju li fl-ordinament ġuridiku tagħna m'hemmx maħsuba Qrati tat-tielet istanza. L-Appell Superjuri u l-Qorti Kostituzzjonali bid-deċiżjoni tagħhom jistabbilixxu l-ġudikat.[4] Il-vertenza tingħalaq hemm.

**Din il-Qorti ġia kellha okkażjonijiet tilmenta li dawn il-Qrati f'din il-kompetenza qegħdin ta' spiss jintużaw bħala Qrati tat-tielet istanza meta ġudikat ma jdoqqx għal widejn il-milqut. Ukoll u ta' spiss, biex jiġi ostakolat iċ-ċelebrazzjoni ta' jury. Din saret okkorrenza spissa li ma tagħmel unur lill-ebda prattikanti tal-liġi li jużaha bħala għodda legali; manuvri u tattiċi li jtawwlu mhux biss il-martirju tal-milqut imma jinkombu fuqu aktar u aktar spejjeż legali u ġudizzjarji.**

Ingħad dan fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel sive Lino Caruana v. Avukat tal-Istat**[5]

> *"40. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tqis ukoll li hija ma tistax tħalli li din il-kawża sservi bħala forma ta' appell minn sentenzi mogħtija minn Qrati oħrajn u li sal-lum joħolqu ġudikat. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tara jekk, mill-mod ta' kif tmexxa l-każ tal-appellant, ġiex imħares il-jedd tiegħu li jingħata proċess xieraq quddiem qorti li kellha s-setgħa*

[4] L-unika eċċezzjoni permessa f'eċċezzjonijiet stabbiliti hija r-ritrattazzjoni.
[5] Deċiża 7 ta' Lulju, 2023; Rikors numru 309/22/1 TA

*li tisma' u taqta' l-każ tiegħu, u li dan ikun sar bl-għoti tal-garanziji kollha li jressaq jew jiddefendi kif imiss il-każ tiegħu.*

*41. Huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet din il-kawża, mhuwiex dak li tagħmilha ta' Qorti ta' Appell fuq il-qrati ta' kompetenza ċivili, li quddiemhom instema' l-każ tal-appellant u li taw is-sentenzi li minnhom qiegħed jilmenta. Tassew, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilmenta l-appellant Camilleri qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.*

*42. Kif sewwa tenniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Joseph Bellizzi et v. Awtorità Marittima ta' Malta et deċiża fis-27 ta' Frar, 2009, mhuwiex l-irwol u lanqas il-funzjoni ta' qorti mogħnija b'kompetenza konvenzjonali li toqgħod tirrevedi allegati żbalji mwettqa minn xi qrati oħra. Dan għaliex inkella hija tkun qiegħda taġixxi bħala qorti tat-tielet jew ir-raba' istanza (ara Nazzareno Muscat et v. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju, 2010). Għaldaqstant tali qorti għandha tistħarreġ u tara biss jekk fil-każ partikolari jirriżultalhiex xi ksur ta' xi dritt fundamentali (ara Valfracht Maritime Co. Ltd. v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru, 2006).*

*43. Il-ġuristi Jacobs, White & Ovey, spiss ċitati mill-Qrati tagħna, jiktbu hekk f'paġna 243 tal-opra tagħhom, The European Convention on Human Rights (il-ħames edizzjoni):*

*«The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.»*

*44. Dan il-prinċipju ġie mtenni bosta drabi anke mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem f'applikazzjonijiet imressqa kontra Malta. Hekk pereżempju fil-każ Nicholas Richard Debono v. Malta deċiż fl-10 ta' Ġunju, 2004, intqal li:*

*«The Court reiterates that, according to Article 19 of the Convention, its duty is to ensure the observance of the engagements undertaken by the Contracting Parties to the Convention. In particular, it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I).»*

*45. Tassew dak li qed jitlob l-appellant b'dawn il-proċeduri huwa li jitneħħa l-allegat 'żball' imwettaq mill-Qorti tal-Appell meta din ikkundannatu jħallas ammont ta' danni aktar minn dak li huwa kien qiegħed jippretendi illi għandu jħallas. Fi kliem ieħor, l-appellant jixtieq li jkollu opportunità ġdida biex jipperswadi lil din il-Qorti li huwa kellu jiġi kkundannat iħallas ammont inferjuri.*

*46. Din il-Qorti, bi qbil mal-ġurisprudenza u mad-duttrina fuq il-materja, ma tarax li tali opportunità ġdida ta' rivalutazzjoni tal-provi tista' ssir permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza St. Paul's Court Limited v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża fl-20 ta' Diċembru, 2000:*

*«Din il-Qorti tqis dan l-appell għal kollox insostenibbli u ġuridikament sospett proprju għaliex dikjaratament jittanta jagħti lil din il-Qorti Kosituzzjonali funzjoni ta' tribunal ta' kassazzjoni. Tribunal li flordinament ġuridiku Malti ma hemmx loku u bl-ebda mod ma hu rikonoxxut. Inoltre l-appellant fl-aggravju tiegħu jittanta jwessa' l-funzjonijiet ta' din il-Qorti bħala garanti tad-drittijiet fundamentali ta' l individwu billi jissuġerixxi illi hi kellha l-funzjoni li tikkoreġi l-"iżbalji" tal-qrati ordinarji u dana lil hinn minn dawk il-parametri stretti li skond ilKostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali ta' individwu u senjatament il-jedd għal smigħ xieraq. Hu ċar illi kieku din il-Qorti kellha tissokkombi għat-tentazzjoni li kellha xi dritt jew funzjoni li tiddetermina jekk il-qrati ordinarji kinux segwew ir-regoli tal-proċedura li jiggvernaw il-proċess u fejn dan jirriżulta ikun "ifisser mill-ewwel u awtomatikament li hemm leżjoni", tkun qed tarroga għaliha nfisha funzjoni ġurisdizzjonali li ċertament ma kellhiex. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti kienet limitata biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni tal-jedd fundamentali kif allegat imma dan biss f'riċerka ta' jekk kienux jew le jirriżultaw l-*

*elementi kostituttivi tal-leżjoni nfisha kif speċifikati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u kif interpretati fil-ġurisprudenza in materja. Hu allura manifestament skorrett ġuridikament li jiġi asserit illi kull vjolazzjoni tar-regoli tal-proċedura, anke jekk ta' ċerta rilevanza, neċessarjament kellha tirriżulta f'leżjoni tal-jedd fondamentali. Dan indubbjament mhux il-każ.»*

*47. Ifisser dan kollu, illi proċeduri kostituzzjonali m'għandhomx jitħallew ikunu mezz ta' appell ulterjuri dwar il-"korrettezza" ta' sentenzi mogħtija minn qrati ta' kompetenza ordinarja.*

*48. Kemm hu hekk, dan l-aħħar il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Marks and Charles Limited et v. Avukat Ġenerali deċiża fit-12 ta' Frar, 2018 tenniet li qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ma tistax tinbidel f'qorti ta' appell tat-tielet grad, b'dana li jseħħ ksur tal-jedd tal-prinċipju taċ-ċertezza legali jekk kemm-il darba tali qorti tqis il-kwistjoni bħallikieku kienet qorti ta' appell ulterjuri flok qorti ta' reviżjoni ta' kostituzzjonalità. Sewwasew f'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex din marret kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali meta ħolqot hija stess dubju dwar il-finalità tar-res iudicata.*

*49. Biex issaħħaħ il-fehma tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet riferenza għal Agrokompleks v. L-Ukrajna, deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Ottubru, 2011 (rikors nru 23465/2003):*

***«The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination.» (enfasi ta' din il-Qorti)***

*50. Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, l-appellant ma jistax jippretendi li bit-tħaddim tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u talArtikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti għandha toqgħod terġa' tidħol biex tixtarr il-proċess ċivili u tara jekk l-ammont li ġie likwidat mill-Qorti tal-Appell kienx wieħed korrett jew le. L-apprezzament tal-provi ntemm darba għal dejjem bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u l-appellant Camilleri ma jistax jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jerġa' jiftaħ beraħ ilkaż ċivili.*

*51. Il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali u mhux biex tistħarreġ jekk il-qrati ordinarji ddeċidewx b'mod tajjeb il-*

> *każ li kellhom quddiemhom. F'dan il-każ huwa ċar anke bil-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors kostituzzjonali, li l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti sabiex hija tidħol fil-mertu fattwali tal-każ li ġie finalment maqtugħ mill-Qorti tal-Appell.".*

Bla ħafna ripetizzjonijiet din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament u tqis li l-intimati għandhom raġun iressqu din id-difiża fir-rigward ta' l-ilmenti avvanzati mir-rikorrenti.

L-intimati stiednu wkoll lil din il-Qorti illi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha mogħtija lilha ai terminu ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kieku din il-Qorti kellha teżamina l-lanjanza mressqa biss mil-lat ta' konsiderazzjoni ta' tielet qorti, kienet tgħaddi biex tagħti raġun lill-intimati u tieqaf hawn. Pero' tqis li r-rikorrenti jattaka l-validita' ta' liġi partikolari sa fejn jirrigwardja d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq u dan fil-konfront kemm ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap 9, ukoll minħabba raġunijiet ta' dewmien fil-proċeduri. Minn dan il-lat hija biss din il-Qorti f'din il-kompetenza li tista' teżamina din il-lanjanza.

**Konsegwentement sa fejn jirrigwardja dan tagħżel li twarrab din l-eċċezzjoni ta' l-intimati**.

**Dana jorbot għalhekk mat-tielet talba ta' Justin Farrugia li titratta l-leżjoni minnu sofferta meta l-Qorti tal-Appell Kriminali għażlet li tapplika l-artikolu 428(3) tal-Kap 9.**

Fl-ewwel deċiżjoni tagħha li trattat l-aggravju imressaq minn Justin Farrugia ai terminu ta' l-artikolu 382 tal-Kap 9, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet dan[6];

> *"Illi l-ġurisprudenza fir-rigward tan-nullita' lamentata hija waħda kopjuza u kostanti li dejjem irriteniet illi f'sitwazzjoni konsimili, is-sentenza in kwistjoni għandha tiġi ddikjarata nulla stante illi hija karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali għall-validita' tagħha, biex b'hekk a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza u tiddeċiedi hi l-kawża fuq il-mertu, bl-aggravji tal-appellant allura jitqiesu bħala sottomissjonijiet fil-kawża[7]. Għaldaqstant l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment.*
>
> ***Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett fil-ligi, u bis-setgħa mogħtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tħassar is-sentenza appellata u tordna li jinstema' l-każ mill-ġdid fil-mertu, bl-aggravji rimanenti jitqiesu bħala sottomissjonijiet in difeża****."*

Hu preċiżament dan l-artikolu li huwa l-punt ta' kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti għax jilmenta illi b'hekk il-Qorti tal-Appell tkissritlu d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq għax impeditu mill-benefiċċju tad-doppju eżami.

[6] Appell nru.215/2018 deċiż fit-28 ta' Novembru, 2022.
[7] Ara App.Krim. Il-Pulizija vs Joseph Muscat 10.6.94; Il-Puliżija vs Anthony Zahra 26 .594; Il-Puliżija vs Charles Micallef 23.6.1995 u oħrajn.

L-artikolu 428(3) tal-Kap 9 jaqra:

428*."(1) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża jġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, għandha tħassar is-sentenza, u tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont il-liġi.*

*(2) Jekk il-qorti ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża ma kienx ta'kompetenza tal-qorti inferjuri li minnha ġie deċiż, imma hu ta'kompetenza ta' qorti inferjuri oħra, il-qorti superjuri għandha tħassar is-sentenza u tibgħat il-kawża lill-qorti kompetenti. Iżda f'dan il-każ l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti ma tiġix milqugħa –*

*(a) jekk ma tkunx ingħatat quddiem il-qorti inferjuri;*

*(b) jekk, wara li tkun ingħatat, tkun ġiet irrinunzjata espressament jew taċitament.*

***(3) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.***

*(4) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-appell, li jkun sar biss minħabba l-inkompetenza tal-qorti jew minħabba li tkun inkisret jew tkun naqset li ssir xi formalità, huwa mingħajr bażi, għandha tiddikjara dan u terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-qorti inferjuri*

*(5) Meta l-appell isir minħabba l-inkompetenza tal-qorti jewminħabba li tkun inkisret jew tkun naqset li ssir xi formalità, u fl-istess ħin minħabba deċiżjoni ħażina tal-mertu tal-kawża, il-qortisuperjuri, hekk issib li l-appell, għal dik li hija raġuni ta'inkompetenza jew ta' ksur jew ta' nuqqas ta' formalità, huwamingħajr bażi, għandha tiddikjara dan u tiddeċidi l-mertu tal-kawżakif sejjer jingħad fis-subartikolu li ġej.*

*(6) Jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qortisuperjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell.*

*(7) Jekk l-appell isir biss mill-persuna misjuba ħatja, il-piena ma tistax tiżdied"*

Tqis li għalkemm ir-rikorrenti jressaq li s-sub-artikolu tlieta, hawn b'tipa grassa, jinkisrulu d-drittijiet tiegħu ta' smiegħ xieraq għax jimpedih mill-eżami doppju tal-kawża, qari sew ta' l-artikolu involut juri kemm dan mhux il-każ.

Mela stabbilit li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma ġietx impunjata fuq inkompetenza tal-Qorti li tatha, jew taqbeż dik il-kompetenza, u stabbilit li l-appell jiċċentra dwar nuqqas ta' aderenza ma' formalita' legali li l-liġi trid taħt piena ta' nullita', l-Qorti tal-appell **tassattivament *għandha*** tħassar dik is-sentenza u tgħaddi biex tiddeċiedi hi l-kawża fuq il-mertu.

Mela, aħna rinfaċċati b'sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza kif kienet tenuta tagħmel darba ankrata l-kompetenza tagħha bil-kunsens ta' l-imputat moqrija l-artikoli.

Fis-sentenza l-ewwel Qorti qieset il-mertu miġjub quddiemha wkoll l-ammissjoni ta' l-imputat reġistrata skont il-liġi.

Għaddiet biex tagħti sentenza li sfortunatament ma segwitx id-dettami formali li trid il-liġi *ad validatem*, ma ġewx imniżżla l-artikoli li a bażi tagħhom instabet il-ħtija.

Mela l-ewwel sentenza ma kienetx nulla minħabba nuqqas ta' konsiderazzjoni fuq il-mertu, anzi dan l-apprezzament sar ukoll fuq skorta ta' l-ammissjoni ta' l-istess imputat. Mela l-ewwel eżami fuq il-mertu *per se* sar u sar sew mill-ewwel Qorti.

Meta l-Qorti ta' l-Appell ħassret is-sentenza ma għamlitx dan għax kien hemm valutazzjoni ħażina tal-mertu mill-ewwel Qorti. It-tħassir sar biss fuq nuqqas ta' formalita' legali, *ancorche'* waħda meħtieġa *ad validatem*. **Terġa, l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet pass oltre, reġgħet semgħet kemm lill-uffiċjali prosekutur ukoll lill-imputat innifsu. Li terġa tfakkar kien ammetta qabel dan is-smiegħ. Għalhekk anke minn dan ir-rigward ġie sodisfatt l-element ta' *immediacy.***[8]

Allura l-Qorti tal-Appell mhux talli għaddiet biex tisma' l-provi lilha mressqa imma kellha kull opportunita' li terġa tivvaluta kull ma nġib quddiem l-ewwel Qorti.

Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju hu li fil-fatt l-imputat hu żbaljat meta jgħid li hu ġie priv mid-doppju eżami, għax sempliċiment mhux fatt veritjier. Il-provi mressqa ġew eżaminati kemm mill-ewwel Qorti, wkoll mit-tieni Qorti sa fejn jirrigwardja

[8] **Direct and immediate knowledge.**

l-ammissjoni tiegħu fl-ambitu tal-provi kollha mressqa; dan iservi fermament ta' doppju eżami.

Terġa u tgħid is-sentenzi ċitati mir-rikorrenti biex jsostni l-lanjanza tiegħu f'dan ir-rigward verament mhux applikabbli għalih.

Qari minn kull deċiżjoni minnu ċitata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu naraw li s-sentenzi hemm imsemmija jridu li l-Qorti tal-Appell terġa teżamina l-provi fuq il-mertu, ħaġa li l-Qorti tagħna mhux priva li tagħmel. Jinsa fattur wieħed ir-rikorrenti li l-Qorti semgħet kemm lilu wkoll lill-uffiċċjal prosekutur u senjatament li hu kien ammetta l-akkużi, ammissjoni li baqgħet treġġi f'dak l-istadju ta' l-appell. Għalhekk ebda sentenza ċitata mir-rikorrenti bħal per eżempju **Ulius Sigurborsson vs Iceland, Constantinescu vs Romania, Botten vs Norway, Lazu vs Moldova u Sigurdor vs Iceland,** biex jissemmew uħud minnhom, ma jolqtu l-ilment tar-rikorrenti kif qed jippretendi hu.

-Insibu illi fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **DAN v. MOLDOVA**[9] ingħad li:

> *"30. **The Court reiterates that the manner of application of Article 6 to proceedings before courts of appeal depends on the special features***

[9] Application no. 8999/07 decided 5th July 2011
Application no. 10890/04 decided 4th June 2013

> ***of the proceedings involved; account must be taken of the entirety of the proceedings in the domestic legal order and of the role of the appellate court therein****. (see* Botten v. Norway*, 19 February 1996, § 39,* Reports *1996I). Where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence, it cannot, as a matter of fair trial, properly determine those issues without a direct assessment of the evidence (see* Popovici v. Moldova*, nos. 289/04 and 41194/04, § 68, 27 November 2007;* Constantinescu v. Romania*, no. 28871/95, § 55, ECHR 2000-VIII and* Marcos Barrios v. Spain*, no. 17122/07, § 32, 21 September 2010)."*

**Issib li fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali hekk għamlet, għax għaddiet biex tisma' l-provi li kienu jolqtu l-ammissjoni, *properly determine those issues*, qabel ma għaddiet biex tiddeċiedi fuq il-mertu a bażi ta' l-istess ammissjoni validament reġistrata.**

-Tiċċita wkoll il-Qorti d-deċiżjoni fl-ismijiet **Hanu vs Rumanija**[10]. Turi din l-estrem fejn dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti ssib raġun, **li mhux dak li okkorra fil-każ tiegħu.**

> *"39. It therefore appears that when they convicted the applicant neither the Court of Appeal nor the Supreme Court relied on any new evidence. Instead, they based their decisions on the evidence given by the applicant and the witnesses before the prosecutor and the County Court. However, the latter, after having heard the witnesses in person, had held that none of the evidence was conclusive proof as to the applicant's guilt, and acquitted him (see paragraph 12 above).* ***Even if the appellate courts could, in principle, have given their own***

[10] Application no. 10890/04 decided 4th September 2013

***interpretation of the evidence adduced before them, in the instant case the applicant was found guilty on the basis of witness testimony that had been found insufficient by the County Court and had justified his acquittal.***

*40. In these circumstances, the omission of the Court of Appeal to hear the witnesses in person, and the failure of the Supreme Court to redress the situation by referring the case back to the Court of Appeal for a fresh examination of the evidence, substantially reduced the applicant's defence rights (*Destrehem v. France, *no. 56651/00, § 45, 18 May 2004 and* Găitănaru, *cited above, § 32). The Court reiterates that its case-law underlines that one of the requirements of a fair trial is the possibility for the accused to confront the witnesses in the presence of a judge who must ultimately decide the case, because the judge's observations on the demeanour and credibility of a certain witness may have consequences for the accused (see* P.K. v. Finland *(dec.), no. 37442/97, 9 July 2002;* mutatis mutandis, Pitkänen v. Finland, *no. 30508/96, §§ 62-65, 9 March 2004; and* Milan v. Italy *(dec.), no. 32219/02, 4 December 2003).*

*41. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that in the instant case, the domestic courts failed to comply in the applicant's case with the requirements of a fair trial."*

Kif ingħad dan mhux iċ-ċirkostanzi li huma viċin jew applikabbli dak hawn diskuss.

-Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **LAZU v. THE REPUBLIC OF MOLDOVA**[11] insibu li:

*"33. The Court reiterates that the manner of application of Article 6 to proceedings before courts of appeal depends on the special features of the proceedings involved; account must be taken of the entirety of the*

[11] Application no. *46182/08*

*proceedings in the domestic legal order and of the role of the appellate court therein (see* Botten v. Norway, *19 February 1996, § 39,* Reports *1996-I, and* Hermi v. Italy *[GC], no. 18114/02, § 60, ECHR 2006-XII).*

*34. While Article 6 of the Convention guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence or the way it should be assessed, which are therefore primarily matters for regulation by national law and the national courts (see* García Ruiz v. Spain *[GC], no. 30544/96, § 28 ECHR 1999-I). Moreover, although it is normally for the national courts to decide whether it is necessary or advisable to call a witness, exceptional circumstances could prompt the Court to conclude that the failure to hear a person as a witness was incompatible with Article 6 (see* Bricmont v. Belgium, *7 July 1989, § 89, Series A no. 158).*

*35. The Court reiterates that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see* Kwiatkowska v. Italy *(dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, such a waiver must, if it is to be effective for Convention purposes, be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate with its importance (see* Poitrimol *v.* France, *23 November 1993, § 35, Series A no. 277-A). In addition, it must not run counter to any important public interest (see* Håkansson and Sturesson v. Sweden, *21 February 1990, § 66, Series A no. 171-A;* Hermi v. Italy, *[GC], cited above, § 73, ECHR 2006-XII; and* Sejdovic v. Italy *[GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-II).”*

Dan ukoll jista’ jittieħed fil-kuntest ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat validament magħmula u reġistrata, li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tenuta u hi tenuta bil-liġi li tikkonsidraha. Hekk għamlet.

Tqis għalhekk li l-eżami li għamlet u trid tagħmel il-Qorti tal-Appell Kriminali fuq l-atti kumpilati u xhieda ġdida minnha mismugħa, sservi fih innifsu ta’ eżami doppju u xejn anqas minn hekk.

Oltre dan, il-Qorti tfakkar kif inhu sew miżmum, li biex wieħed jivvaluta l-ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni dan isir kif sew ingħad fl-aħħar sentenza ċitata billi jittieħed *'account must be taken of the entirety of the proceedings in the domestic legal order and of the role of the appellate court therein.'*

Dan iwassal allura biex jiġi konkluż li dawn il-proċeduri huma wkoll intempestivi għaliex sallum il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huma mħollija *sine die* sakemm tiġi determinata din il-kawża.[12]

**Ilment ieħor tar-rikorrenti huwa wkoll dirett lejn l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni sa fejn jirrgwarda d-dewmien ta' dawn il-proċeduri.**

In suċċint l-iter ta' dawn il-proċeduri huwa kif se jingħad.

Kif ingħad l-imputat ġie imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fid-29 ta' Marzu, 2012. L-artikoli intbagħtu mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Diċembru, 2013.[13]

[12] Ara verbal tal-Qorti Kriminali datat 28 ta' Lulju, 2023 folio 664.
[13] Folio 318.

Fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2014, ġie mitlub li jsir Social Analysis Report għall-imputat Justin Farrugia[14]. Dan ġie ppreżentat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014.[15] Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2015 ir-rikorrenti ta l-kunsens tiegħu għall-proċeduri sommarji.[16]

Fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2016 id-difiża għalqet il-provi tagħha.

Il-kawża marret għat-trattazzjoni.[17]

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrenti irreġistra ammissjoni għall-akkużi dedotti kontra tiegħu, ħlief għall-akkużi numri ħdax u tnax. Kien assistit. Ingħata żmien jaħseb fuq l-istess, ikkonferma l-istess ammissjoni. Reġa' ġie dikjarat li d-difiża ma kellhiex aktar provi. Il-kawża reġgħet tħalliet għat-trattazzjoni.[18]

Fis-seduta ta' wara sar differiment għax ma deherx l-uffiċjal prosekutur. Ingħata differiment ieħor għat-trattazzjoni.[19] Fis-seduta segwenti l-partijiet ingħataw il-fakolta' ta' nota ta' sottomissjonijiet. Hawn ma kienx preżenti l-avukat difensur.[20]

---

[14] Folio 339
[15] Folio 341
[16] Folio 362
[17] Folio 370.
[18] Folio 373
[19] Folio 374
[20] Folio 375

Il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Fil-mori ta' dan id-differiment l-uffiċjal prosekutur ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet.[21]

Fit-2 ta' Marzu 2018 ingħatat sentenza.

Ir-rikorrenti appella.

Mal-ewwel dehra, 11 ta' Settembru, 2018 ma kienx notifikat.[22] L-istess għas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018.[23] L-appell ġie differit għall-11 ta' Diċembru, 2018.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018 l-appell ġie differit għax ir-rikorrenti ma kienx notifikat. Dan ġie differit għall-11 ta' Diċembru, 2018.[24]

Fis-16 ta' Novembru sar rikors mill-avukata tar-rikorrenti u talbet differiment għas-seduta li jmiss.[25] Dan ġie milqugħ u l-appell ġie differit. [26]

[21] Folio 376
[22] Folio 410
[23] Folio 411
[24] Folio 425
[25] Folio 412
[26] Folio 414

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2019 ir-rikorrenti ma deherx għas-smiegħ ta' l-appell għax kellu appuntament mediku.[27]

Fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2019 reġa' ma kienx notifikat.[28]

Fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2019 baqa' mhux notifikat.[29]

Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2019 għalkemm deher l-appellant, fuq rikors tiegħu stess il-Qorti laqgħet it-talba ta' rikuża. [30]

Fid-19 ta' Novembru, 2019 l-appellant reġa' ma kienx notifikat.[31]

Saru tlett differimenti fuq ordni tal-Qorti.

Fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2020, l-appellant rikorrenti reġa' ma kienx notifikat. L-appell ġie differit għan-notifika għas-26 ta' Novembru, 2020. Għal din is-seduta ir-rikorrenti ppreżenta rikors għal differiment għax kien taħt kura psikjatrika.[32]

---

[27] Folio 429
[28] Folio 434
[29] Folio 437
[30] Folio 465 u folio 469
[31] Folio 476
[32] Folio 483

Reġa' kien hemm estensjoni da parti ta' l-Imħallef sedenti. [33]

L-appell tħalla għan-notifika għall-5 ta' Frar, 2021.[34] F'din is-seduta il-prosekuzzjoni pprovdit indirizz ieħor ta' l-appellant.[35]

Fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2021 l-appellant reġa' ma kienx notifikat.[36]

Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021, l-Appell ġie infurmat li l-appellant kien maqbud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.[37] L-appell ġie differit għat-2 ta' Lulju, 2021.

Reġa' ppreżenta rikors għal differiment minħabba raġuni psikjatriċi. L-appell ġie differit għall-24 ta' Settembru, 2021.[38] Pero' għal din is-seduta l-appellant reġa' preżenta rikors li għar-raġunijiet mediċi ma setax jattendi l-appell, talab differiment ieħor.[39]

Ingħata digriet mill-Qorti tal-Appell li l-appellant kellu jiprovdi indirizz ta' fejn kien joqgħod inkella l-appell kien se jmur deżert.[40] Fis-seduta tal-24 ta'

[33] Folio 490
[34] Folio 495
[35] Folio 505
[36] Folio 508
[37] Folio 512
[38] Folio 516
[39] Folio 518
[40] Folio 522

Settembru, 2021 Dr. Mario Scerri appuntat mill-Qorti biex jeżamina l-istat mediku ta' l-appellant, informa lill-Qorti li kellu diffikulta' li jagħmel kuntatt ma l-appellant.

Fl-24 ta' Settembru, 2021, issa wara t-twiddiba li rċieva mill-Qorti, l-appellant ippreżenta nota bl-indirizz tiegħu.[41]

Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2021 Dr. Mario Scerri ppreżenta r-rapport mediku tiegħu.[42] L-appell tħalla għas-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2022.

Għal din is-seduta l-Qorti ġiet infurmata mill-avukata ta' l-appellant li minħabba l-indispożizzjoni tiegħu ma setax jattendi għas-smiegħ. L-Appell ġie differit għal 4 ta' Frar, 2022.[43] L-appellant reġa' ma deherx għal din is-seduta[44] u lanqas għal dik tal-11 ta' Marzu, 2022.[45] Fis-seduta tas-27 ta' April, 2022, Dr Mario Scerri li kien għadu fuq ordni tal-Qorti jsegwi lill-appellant, informa lill-Qorti li ma kienx irnexxielu jirrintraċċah.[46]

[41] Folio 524
[42] Folio 530
[43] Folio 543
[44] Folio 545
[45] Folio 547
[46] Folio 551

Fis-seduta ta' l-10 ta' Ġunju, 2022 reġa' ma kienx notifikat. Il-Qorti ordnat in-notifika bl-affissjoni.[47]

Għas-seduta sussegwenti l-avukat tar-rikorrenti talbet differiment.[48]

Fit-8 ta' Lulju, 2022 reġa' ma kienx notifikat.[49]

Fil-15 ta' Settembru, 2022 nonostante li kien għaddej kura psikjatrika r-rikorrenti għamel rikors biex isiefer a kawża ta' kompetizzjoni ta' klieb.[50]

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2018 l-appellant deher u ġie trattat l-ewwel aggravju. Ġie notifikat għas-seduta li jmiss. [51]

Reġa' sar rikors ieħor minnu ta' safar. Dan ukoll relatat ma' show tal-klieb.[52]

Fil-25 ta' Novembru, 2022 ingħatat sentenza in parte.[53]

[47] Folio 557
[48] Folio 560
[49] Folio 561
[50] Folio 562
[51] Folio 580
[52] Folio 582

[53] Folio 603

Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2023 l-appellant talab biex jixhed dwar iċ-ċirkostanzi li wassluh biex jirreġistra l-ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti. Din it-talba ġiet milqugħa nonostante l-opposizzjoni ta' l-Avukat Ġenerali. Xehdu kemm l-uffiċċjal prosekutur ukoll l-istess appellant.[54]

Fil-mori tad-differiment reġa' sar rikors li ġie milqugħ biex l-appellant isiefer. Fid-29 ta' Marzu, 2023 ingħatat sentenza preliminari.[55] L-appellant ġie notifikat għas-seduta li jmiss. Għal din is-seduta deher l-appellant, intalab differiment. L-appell ġie differit għat-23 ta' Ġunju, 2023.[56] Għal din is-seduta l-appellant ma deherx. Il-Qorti ordnat li jiġi eżebit lilha ċertifikat mediku fin-nuqqas kienet se tibgħat l-appell deżert. L-appell ġie differit għall-aħħar darba għat-28 ta' Lulju, 2023.[57]

**Fid-19 ta' Lulju, 2023 l-appellant ippreżenta rikors biex il-Qorti tissospendi s-smiegħ ta' l-appell pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.** [58]

Il-Qorti laqgħet it-talba u ddifferit is-smiegħ ta' l-appell sine die. Dan fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 2023.[59]

---

[54] Folio 610
[55] Folio 627
[56] Folio 650
[57] Folio 651
[58] Folio 655
[59] Folio 664

**Ikkunsidrat:**

Li l-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju fit-tul għax dehrilha u riedet turi kemm din l-aħħar talba wkoll hija waħda ta' natura fiergħa. Jekk wieħed jara l-atti kumpilati mill-Maġistrat isib li fil-maġġor parti l-prosekuzzjoni imxiet sew u tellgħet b'andament sew il-provi tagħha. Pero', minn meta ġie intavolat l-appell, ir-rikorrenti jidher li għamel l-almu tiegħu kollu biex ma jiġix notifikat nonostante li dejjem kien jaf li kellu appell pendenti. Ressaq ukoll raġunijiet mediċi biex ma jidhirx pero' nonostante ċioe' ppreżenta **diversi rikorsi** biex ikun jista' jsiefer, aktar fil-fatt minn dawn elenkati hawn il-Qorti.

Mis-sena 2018 sallum dan l-appell baqa' jkaxkar[60] sas-sena 2023 meta l-Qorti ħallietu fuq talba ta' l-istess appellant *sine die*.

Tqis li dawn il-proċeduri twalu biss tort uniku ta' l-appellant li mhux tali qatt ma ġie notifikat, imma anke għamilha diffiċli li l-espert mediku tal-Qorti jżomm kuntatt miegħu.

[60] **Qata' għas-sentenzi preliminari lil Qorti tat fil-ħin.**

Konsegwentement il-Qorti ma tistax issib raġuni valida u soda biex tiġġustifika dan l-aħħar ilment. Ir-rikorrenti jmissu jħares ħarsa sew lejn azzjonitu għax fil-verita' għamel u qed jagħmel minn kollox biex itawwal il-martirju tiegħu.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi:**

**-waqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati, tilqa' l-kumplament fl-ambitu ta' dak deċiż.**

**-tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**-dwar spejjeż qieset dak kollu hawn konkluż u li verament dawn il-proċeduri kienu ta' natura fiergħa, konsegwentement taddebita l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri lir-rikorrenti, b'żieda ta' €500 u dan ai terminu tat-Tariffa A artikolu 10 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep.Reġ**